**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum, 19 ta' Novembru, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Norman Cilia La Corte**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Norman Cilia La Corte** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 402370M; u

**Joseph Camilleri** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 12467M

U akkuzati talli f' Mejju 2010 f' dawn il-Gzejjer:

1. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.
2. Xjentement ghamlu uzu minn dokument falsifikat.
3. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.
4. Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat

Fuq talba tad-Direttur Generali Dwana

5. Talli fis-7 ta' Marzu 2014, bil-komplicita u l-ko-operazzjoni ta' xulxin, bil-hsieb filli bil-qerq jinharbu jew jigi ittentat li jinharbu id-Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jithallas u/jew li tinheles xi projbizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew kif ukoll taht xi Ligi ohra, instab li xjentement warbu jew irtiraw kontra l-Ligi mill-Malta Post Office, Marsa, pakkett bi hmistax- il CCD Cameras.

   Il-pakkett imsemmi kien importat f'Malta mic-Cina fl-4 ta' Marzu 2014 u gie depozitat taht lok ta' kustodja.

   Dawn ic-CCD Cameras, ghandhom Valur totali ta' €436.52, Dazju ta Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal

€21.00 u €82.00 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma gewx imhallsa u/ jew kawtelati.

Dawn is-CCD Cameras gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru: 21/2016

Fuq talba tal-Kumissarju tat-Taxxi

6. Talli fis-7 ta' Marzu 2014, bil-komplicita' u l-ko-operazzjoni ta' xulxin, bil-hsieb filli bil-qerq jinharbu jew jigi ittentat li jinharbu id-Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jithallas u/jew li tinheles xi projbizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew kif ukoll taht xi Ligi ohra, instab li xjentement warbu jew irtiraw kontra l-Ligi mill-Malta Post Office, Marsa, packet bi hmistax il-CCD Cameras.
Il-pakkett imsemmi kien importat f' Malta mic-Cina fl-4 ta' Marzu 2014 u gie depozitat taht lok ta' kustodja.

   Dawn is-CCD Cameras, ghandhom valur totali ta' €436.52, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €21.00 u €82.00 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

   Dawn is-CCD Cameras gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru 21/2016

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihalsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju, 2018 (inserita a fol. 187 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 48A (1) (2) (3) (4) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 183, 184, 185(1) (2), 186 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 188 (1) (2) u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 60 (a) (c) (d) (e) (k), 62 (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 60 (a) (c) (d) (e) (k), 62 (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 80 (1) (2) (3), 81, 82 u 83 (4) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 19, 20, 22, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-28 ta' Gunju, 2019 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-7 ta’ Marzu 2014 l-Economic Crimes Unit fi hdan il-Pulizija Ezekuttiva irceviet informazzjoni li l-imputat Norman Cilia La Corte allegatament kien ser jipprova johrog oġġetti mill-Maltapost li kienu differenti minn dak dikjarat fuq id-dokumenti ta’ importazzjoni. Kif l-imputat Cilia la Corte hareg mill-Posta huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija u fil-pussess tieghu instabet kaxxa li kien fiha CCTV cameras izda fuq id-dokument tad-Dwana li kien gie preparat mill-imputat l-iehor Joseph Camilleri gie dikjarat li l-oggetti kienu dokumenti. L-imputat Camilleri ffirma d-dokumenti f’isem l-ufficjal tad-Dwana Marisa Vassallo. Il-karti li fuqhom beda jipprova l-firma gew migbura minn dustbin (Dok. VP1 a fol 70 tal-atti processwali) minn Charles Sammut, fizzjal tad-Dwana flimkien mal-Head of Security Vince Farrugia. Sussegwentement inhargu letters to prosecute u nota ta’ qbid mid-Direttur Generali (Dwana) (Dok CG1, CG2 u PS1 a fol 26, 27 u 34 tal-atti processwali). L-imputat Camilleri gie mkecci mill-posta fit-18 ta’ Settembru 2014[1].

Fl-udjenza tat-23 ta’ Frar 2017 Marisa Vassallo xehdet (a fol 28 sa 30 tal-atti processwali) li dakinhar li allegatament sehhew il-fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern hija kienet impjegata bhala ufficjal tad-Dwana fil-posta. L-imputat Camilleri, li kien impjegat tal-Posta kien jehdilhom il-pakketti sabiex jigu spezzjonati mill-ufficjali. Dakinhar ix-xhud spjegat li waqt li kienet break ma kinitx fl-ufficju. Ikkonfermat li hija tiffirma ‘MV’ izda l-firma fuq in-notice of arrival Dok.VF1 u GZ2 ma sarux minnha (a fol 70 u 118 tal-atti processwali).

[1] Xhieda ta’ Stephania Camilleri, Head tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani fi hdan il-post fl-udjenza tal-11 ta’ Mejju (a fol 55 sa 59 tal-atti processwali)

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2016 l-espert Anthony Spiteri (a fol 75 u 76 tal-atti processwali) in ottemperanza mad-digriet tal-15 ta' Gunju 2017 prezenta r-rapport tieghu (Dok. AS1 a fol 77 sa 97 tal-atti processwali) fejn hareg l-istills mis-CCTV footage tal-Maltapost esebit mill-Head of Security Vince Farrugia fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2017 (Dok. VF2 a fol 71 tal-atti processwali).

Fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2017 Charles Sammut xehed (a fol 123 sa 125 tal-atti processwali) li l-komputazzjoni u l-valur tal-pakkett imwaqqaf kien gie kkalkulat minnu wara li ra l-ircevuta u l-hlas li kien ghamel l-imputat Cilia La Corte fuq Paypal (Dok CS1 a fol 126 sa 130 u 158 tal-atti processwali). Id-dazju li kellu jithallas kien 4.9% (€21) filwaqt li l-VAT kien 18% (€82). Kopja tar-rapport giet esebita fl-udjenza tas-27 ta' April 2018 (Dok. CS6 u CS7 a fol 162 sa 170 tal-atti processwali).

L-imputati ghazlu li ma jixdhux f'dawn il-proceduri izda rrilaxxjaw stqarrija. L-imputat Norman Cilia La Corte fl-istqarrija tas-7 ta' Marzu 2014 (Dok. AG2 a fol 46 sa 48 tal-atti processwali) stqarr li lill-imputat Joseph Camilleri jafu ghaliex ghandhom hbieb komuni u ilhom jafu lil xulxin snin. Stqarr li huwa kien icempel lil Joseph Camilleri sabiex jiccekkjalu jekk waslulux l-oggetti ordnati. Gurnata qabel l-istqarrija cempel lil Joseph Camilleri biex jehodlu l-pakkett u jiffranka t-triq izda Camilleri qallu sabiex imur ghalih il-Maltapost. L-imputat Cilia La Corte mar il-Maltapost, tah il-karta tal-identita u Joseph Camilleri tah il-pakkett. Stqarr li huwa ma ntalab l-ebda flus minn Camilleri. Joseph Camilleri rrilaxxja stqarrija fis-7 ta' Marzu 2014 (Dok. AG3 a fol 49 sa 51 tal-atti processwali) fejn stqarr li huwa biddel id-dettalji tal-avviz tal-pakkett mertu ta' dawn il-proceduri u bhala contents nizzel documents minflok CCTVS u hassar ir-rimarka 'to

provide invoice'. Fil-parti t'isfel fejn hemm intrinsic value ghamel firma u d-data. Ikkonferma li l-firma u l-kummenti kellhom isiru minn ufficcjal tad-Dwana u mhux minnu. Stqarr li dak li ghamel ghamlu bi pjacir lill-imputat l-iehor u din kienet l-ewwel darba. Ikkonferma li l-firma li kien qed jipprova jikkopja kienet ta' certu Marisa.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigu trattati l-imputazzjonijiet li bihom jinsabu addebitati z-zewg imputati, il-Qorti ser tiddeciedi jekk l-istqarrijiet tal-imputati humiex ammissibbli u dan fid-dawl tal-fatti li meta ttiehdu l-istqarrijiet fl-2014, il-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni. Filwaqt li fir-rigward tal-imputat Norman Cilia La Corte gie esebit ir-rifjut li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali, l-imputat Joseph Camilleri ikkonsulta ma' avukat skont il-verbal tat-13 ta' Ottubru 2017 (a fol 106 tal-atti processwali).

Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' Salduz. Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti

qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahda minn xi forma ta' assistenza legali.

Fis-sentenza moghtija ricentement fil-31 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminal fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Salvu Briffa qalet:-

> Illi llum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod ewlieni dak ta' Farrugia vs Malta li mexa fuq l-insenjament tramandat fil-kaz Bueze vs Belgium u Doyle vs Ireland ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi lpersuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.
>
> Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':-
>
> 1. the existence of compelling reasons for the right to be withheld;
> 2. the overall fairness of the proceedings.
>
> Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)[2]:

[2] Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

‘In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self- incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).’ ...

‘the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)’.

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court’s case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza li laqtet lil pajjizna, Farrugia vs Malta fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:

While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above- mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.[3]

Illi fil-kaz odjern l-imputat Cilia La Corte rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat filwaqt li skond dak ivverbalizzat l-imputat Camilleri ikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija – fatt li ma giex kontestata. In oltre, hemm provi u xhieda ohrajn li tressqu apparti dawn l-istqarrijiet, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-imputati. Meta din

[3] Farrugia vs Malta, deciza nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

il-Qorti tiehu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma li l-imputati sofrew pregudizzju billi fl-istadju li rrilaxxjaw l-istqarrijiet ma kellhomx avukat prezenti. Inoltre filwaqt li stqarrija maghmula lill-pulizija taghmel prova, l-imputati jistghu dejjem jikkontradixxu tali stqarrija billi jresqu provi adegwati. Konsegwentement din il-Qorti tqis li l-istqarrijiet tal-imputati m'ghandhomx jigu skartati.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta' assocjazzjoni imsemmi fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali li fl-2014 kien jaqra:-

> Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.
>
> L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.

Mela kjarament u bla dubbju, jirrizulta car illi l-ligi trid illi din l-assoccjazzjoni tibda tissusisti mill-mument illi "xi sura ta' azzjoni" tigi miftehma jew pjanata. Fit-test Ingliz, dan jaqra "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between such persons".

Mela certament il-pjan necessarju hawn jista', anke biex ikun sodisfatt dan ir-reat, ikun wiehed anke miftuh u mhux wiehed illi jenhtieg illi jkun pjanat sa lanqas dettall bir-reqqa, basta jkun hemm il-hsieb komuni bejn zewg partijiet, u izjed illi jaqblu u jibdew u jhejju certu pjanijiet biex jigu miftehma anke l-modalitajiet ta' azzjoni biex jigi kommess ir-reat. Necessarju l-qbil bejniethom ghal skop u ghan komuni.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul" moghtija fis-17 ta' Marzu, 2005, il-Qorti ghamlet referenza ghal Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003:-

> "The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.)1."
>
> "The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."

Fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Stephen John Caddick and Philip Walker; Omissis" deciza fis-6 ta' Marzu, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar id-definizzjoni u l-elementi ta' dan ir-reat:

“As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". But the First Court then continued:

"Obviously if there is evidence which shows that the agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, then that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy. That this is a circumstance which proves that the conspiracy had existed. But if for argument's sake, there is no evidence that the agreement was put into actual practice, then you will still have the crime of conspiracy complete. So do not think that it is an essential element of the crime to have to prove up to the level of moral conviction that there was the actual dealing of drugs in Malta".

………..

Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not

> necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

Mela hawn l-evidenza migjuba trid tkun dwar il-ftehim, f'dan il-kaz mhux dwar droga, imma evazjoni ta' dazju u taxxa. Ir-reat huwa kkunsmat appena jsir dan il-ftehim li sehh b'ghan komuni, ftehim dwar 'il kif ghandu jigi milhuq l-ghan innifsu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Edgar Pena" deciza fil-5 ta' Dicembru, 2012, qalet illi mhux biss jinhtieg ikun hemm "meeting of the minds", izda l-meeting minds irid ikun ukoll dwar il-mezzi, ossia modalitajiet, li ser jintuzaw sabiex isir ir-reat jghin mhux ftit il-fatt, dan bhala prova anke cirkostanzjali ta' tali ftehim, li fil-fatt dan il-ftehim tqieghed fis-sehh anke b'success!.

F'dan il-kaz Joseph Camilleri stqarr li dak li ghamel ghamlu bi pjacir lill-imputat l-iehor Cilia La Corte ghaliex huwa habib tieghu u meta jkollu bzonn isibu ghall-maintenance tad-dar jew fil-karozza u jaqdih mill-ewwel. L-imputat Camilleri stqarr li prova jirreciproka lill-imputat La Corte bl-agir li jifforma l-mertu tal-kaz odjern. Izda fl-istqarrija tieghu jghid ukoll li qal lill-imputat Cilia La Corte li "din ma jehodiex bi drawwa u li jekk bi hsiebu jibqa jgib irid jghaddihom bis-sewwa". Din il-frazi necessarjament timplika li bejn l-imputati kien hemm xi sura ta' azzjoni li giet miftehma jew pjanata sabiex ikun hemm evazjoni ta' dazju u taxxa. Il-hsieb komuni kien l-evazjoni ta' dazju u taxxa bl-intiza li din kellha tkun l-ahhar darba. Apparti dan il-fatt, il-Qorti temmen li l-imputat Cilia La Corte kien konsapevoli sa minn meta saret l-ordni li kellu jithallas id-dazju u t-taxxa gja la darba ordna min barra mill-Unjoni Ewropea u il-pakkett li rcieva ma kellux jigi rtirat minghajr hlas

lill-errarju pubbliku. Il-prosekuzzjoni provat li l-imputati assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt punibbli b'piena ta' prigunerija. Inoltre id-delitti li jinsabu akkuzati bihom l-imputati m'humiex delitti taht l-Att tal-Istampa. L-imputat ser jigu misjuba hatja tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputati jinsabu akkuzati wkoll bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku. L-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

> Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet,obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan r-reat iridu jissussistu zewg elementi:-

1. Li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u
2. Li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna li mhux ufficjal pubbliku

F’dan il-kaz giet iffalsifikata notice of arrival li hija ittra mahruga biex tgharraf lill-importatur li l-ordni tkun waslet f’Malta u titlob lill-persuna sabiex taghmel kuntatt mal-Maltapost sabiex tigi processata l-applikazzjoni ai fini ta’ VAT u/jew dazju u sussegwentement ghar-rilaxx tal-oggetti. Ghalhekk din l-ittra ma tistax titqies li hija att pubbliku u lanqas skrittura kummercjali jew ta’ bank privat. Ghaldaqstant l-imputati ser jigu liberati minn din l-imputazzjoni kif ukoll mir-reat imsemmi fl-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali stante li dan jirreferi ghall-istess strumenti msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali.

In kwantu ghar-reat msemmija fl-Artikoli 185, 186, 188, 189, 189A tal-Kodici Kriminali, uhud minnhom jittrattaw istanzi ta’ falz materjali u ohrajn ta’ falz ideologiku.

L-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz minn ufficjali jew impjegati pubbliku fis-sub-artikolu (1) u minn persuni mhux ufficjali jew impjegati public fis-subartikolu (2). Fiz-zewg kazijiet il-falsifikazzjoni tista’ tkun kemm materjali kif ukoll ideologika bl-awtur Manzini jaghti spjegazzjoni semplicistika tad-distinzjoni bejn it-tnejn meta jaghmel differenza bejn in-non-genuinita’ tad-dokument opposta ghan-non-veridicita’ tieghu fejn allura fil-falz materjali id-dokument ma jkunx genwin, filwaqt li f’dak ideologiku ikun wiehed genwin izda jkun jikkontjeni informazzjoni inveritjiera[4]. Dak li hu rikjest ghall-fini ta' dan ir-reat, hu li (i) xi persuna li ma tkunx ufficjal jew impjegat pubbliku, izda li (ii) minhabba l-kariga jew impieg taghha ("by reason of his office", fit-test ingliz) hi fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, (iii)

[4] Vide App.Krim Il-Pulizija vs Paul Muscat 30/07/2004

taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat falz propju in konnessjoni ma xi haga li taqa' fl-ambitu tal-kariga jew impieg taghha[5].

Illi huwa ghalhekk illi l-falsifikazzjoni fil-kaz ta’ dan ir-reat jista’ ikun kemm wiehed materjali kif ukoll ideologiku ghaliex mhuwiex daqstant marbut man-natura tal-falsifikazzjoni, izda mal-kariga okkupata mill-awtur tieghu, li allura jrid necessarjament ikun il-persuna li ghandu d-dmir li johrog dikjarazzjonijiet jew certifikati u li b’abbuz ta’ din l-awtorita vestita fih jaghmel xi forma ta’ falsifikazzjoni li ghalhekk tista’ tkun kemm ‘il wahda kif ukoll l-ohra.

Il-fatti fil-kaz odjern jirriflettu l-falz ideologiku stante li n-notice of arrival kienet genwina izda kienet tikkontjeni informazzjoni inveritjiera. Ma jirrizultax li l-imputat Joseph Camilleri kien fid-dmir minhabba l-posizzjoni tieghu li jaghmel dikjarazzjonijiet jekk kelliex tithallas VAT u/jew dazju. Marisa Vassallo xehdet li xoghol l-imputat Camilleri kien li jiehu l-pakketti lill-fizzjala tad-Dwana sabiex jigu spezzjonati u ma kienx inkarigat jaghmel dikjarazzjonijiet. In kwantu ghall-imputat Cilia La Corte, ma saret l-ebda dikjarazzjoni minnu. Ghalhekk tqis li l-fatti ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx fir-reat imsemmi fl-artikolu 185.

L-imputati jinsabu akkuzati wkoll bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali dwar uzu ta’ dikjarazzjonijiet foloz. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat Cilia La Corte kien xjentement jaf li d-dikjarazzjoni li kien hemm fuq in-notice of arrival kienet wahda falza. Hekk kif diga nghad aktar l’ fuq, meta ghamel l-ordni tas-CCTVs minn pajjiz li mhuwiex

[5] Vide App.Krim. Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Attard deciza 02/09/1999

fl-Unjoni Ewropea, kellhom jithallsu d-dazju u t-taxxa. Minflok, l-imputat Cilia La Corte xjentement ghamel uzu mid-dikjarazzjoni falza tal-imputat Camilleri sabiex jevadi l-hlas dovut lill-errarju pubbliku. In kwantu ghall-imputat Camilleri, mhux ser jinsab hati ta' din l-imputazzjoni stante li huwa kien li ghamel id-dikjarazzjoni falza u mhux li ghamel uzu minnha peress li l-beneficcju tad-dikjarazzjoni ma kienx ghalih izda ghall-imputat Cilia La Corte.

Jifdal ghalhekk l-artikoli 188, 189 u 189A tal-Kodici Kriminali. Dawn l-artikoli jipprovdu:-

> 188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:
>
> Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.
>
> (2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.
>
> 189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

> 189A. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "dokument", "għodda","skrittura" u "ktieb" jinkludu kull kartonċina, disc, tape,soundtrack jew mezz ieħor li fuqu jew fih tkun jew tista' tiġi rregistrata u maħżuna informazzjoni b'mezzi mekkaniċi, elettroniċi jew mezzi oħra

Illi l-Artikolu 188 jikkontempla l-falsita` ideologika filwaqt li l-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali. Hekk kif diga nghad qabel, dan huwa kaz ta' falz ideologiku fejn in-notice of arrival ghalkemm genwina, gew ingassati notamenti inveritjieri u ghalhekk is-sustanza taghha hija ffalsifikata. B'hekk l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali dwar falsifikazzjoni u uzu ta' dokument mhux genwin (forged). Fir-rigward tar-reat imsemmi fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, mill-provi jirrizulta li l-imputat Camilleri għamel dikjarazzjoni falza sabiex jibbenefika minnha l-imputat Cilia La Corte f'notice of arrival mahsuba ghall-awtorita' kompetenti tad-Dwana. Ghalhekk ser jinstab hati ta' dan l-artikolu filwaqt li l-imputat Cilia La Corte ser jinsab hati ta' uzu ta' dikjarazzjoni falza hekk kif inghad aktar qabel.

In kwantu ghall-Artikoli 60 (1) (a), (c), (d), (e) u (k) u 62 (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) tal-Kap. 37, dawn l-artikoli huma ta' relevanza ghall-piena u jikkontemplaw diversi istanzi fejn ghandha ssir il-konfiska tal-oggetti bil-pieni rispettivi. Mil-artikoli msemmija jirrizultaw l-artikoli kollha hawn imsemmija ghajr ghall-Artikoli 60 (1)(a) tal-Kap. 37 (dwar oggetti zbarkati minn bastimenti f'Malta). B'applikazzjoni tal-Artikoli 80 (1) u (2), tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) ic-cirkostanzi msemmija taht l-artikoli 60 u 62 tal-Kap. 37 jitqiesu bhala reat anke taht Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406). In kwantu ghall-Artikolu 82 tal-Kap. 406

dan ma jisbx applikazzjoni ghall-kaz odjern ghaliex jitratta reati maghmula minn ufficjali principali jew impjegati ta' korp ta' persuni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputati qed jinstabu hatja izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-ammonti involuti fi hlas ta' dazju u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma kinux kbar.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-27 ta' Lulju 2018 u senjatament l-Artikoli 48A (1), (2), (3), (4), 31, 186, 188 (1), (2), 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 19, 20, 22, 532A, 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 60 (1)(c), (d), (e) u (k) u 62 (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) u 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 80 (1), (2) u (3), 81 u 83(4) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Norman Cilia La Corte hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tal-hames (5), u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax (18) -il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u multa ta' sitt mitt Ewro (€600), terz ta' liema ghandu jitqies bhala dejn civili favur il-Kontrollur tad-Dwana u tiddikjarah mhux hati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet, u ssib lill-imputat Joseph Camilleri hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5), u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-perjodu ta' erba' (4) snin millum kif ukoll multa ta' sitt mitt Ewro (€600) terz ta' liema ghandu jigi kkunsidrat bhala dejn civili favur il-Kontrollur tad-Dwana u tiddikjarah mhux hati tat-tieni (2), u tar-raba' (4)

imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom. Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Kontrollur tad-Dwana tal-oggetti ndikati fin-Nota ta' Qbid (Dok. CG2 a fol. 27 tal-atti processwali).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallsu bejniethom lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn erbgha u erbghin Ewro u tmienja u sittin Ewro centezmi (€244.68c[6]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[6] Rapporti ta' Anthony Spiteri pages 77 sa 97 €244.68c